MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2008

Numru. 1035/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Nikolai Sant]**

**vs**

**Omissis**

Illum 1 ta' Dicembru, 2008,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi omissis

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, nhar it-30 ta' Awissu, 2008 ikkometta serq ghad-detriment ta' Mark Grech min-Naxxar liema serq huwa kkwalifikat bil-valur.

Akuzat ukoll talli f'dawn il-gzejjer bejn id-29 ta' Awissu, 2008 u it-30 ta' Awissu, 2008 ikkometta serq ta' HSBC Quickcash card ghad-detriment ta' Mark Grech minn Naxxar liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin.

U akkuzat aktar fl-istess dati, lok u cirkustanzi, bi hsara lil Mark Grech min-Naxxar, ghamel qligh iehor b'qerq.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-artikoli 37, 261(c)(f), 267, 270 u 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjetement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-eta u l-fedina penali ta'l-imputat kif ukoll l-fatt li l-ammont misruq gia' gie mhallas lid-derubat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 37, 261(c)(f), 267, 270 u 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem semplici r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------